# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 417/2021

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mark Galea)**

**vs**

**Paul Attard**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2021

Il-Qorti;

Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja skond l-Att dwar l-Estradizzjoni msejjha l-Qorti Rimandanti fis-17 ta' Novembru, 2021 li bih dik il-Qorti ordnat it-treggieh lura tal-estradant, allura r-rikorrent odjern, lejn l-Italja bhala l-pajjiz skedat minn fejn inhareg il-mandat kontra tieghu;

L-estradant appella minn din is-sentenza permezz ta' rikors tal-appell, introdott fir-Registru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Novembru 2021 li bih ghamel is-segwenti sensiela ta' talbiet:

Ghaldaqstant, fid-dawl tas-su espost, l-appellant, filwaqt li qieghed jinterponi dan l-umli appell mis-sentenza moghtija fil-konfront tieghu nhar is-17 ta' Novembru, 2021, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala orti Rimandanti, ordnat, ai termini tar-regolament 24 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-appellant estradant ghandu jinzamm taht kustodja fi stennija ghat-treggiegh lura tieghu lejn il-pajjiz skedat u kif ukoll informat lill-istess appellant estradant li ai termini tar-regolament 25 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05 moqri flimkien mal-artikolu 16 tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta (a) m'huwiex ser jigi mregga' lura lejn l-Italja qabel ma jghaddu sebat ijiem mid-data ta' din l-ordni ta' kustodja; (b) Ghandu d-dritt li jinterponi appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn din l-Ordni; (c) Jekk jidhirlu li xi wiehed mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 10(1) u (2) tal-Att dwar l-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, tkun giet jew x'aktarx tkun sejra tigi miksura dwar il-persuna tieghu hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-Qorti, huwa ghandu jedd jitlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea skont il-kaz, l-appellant estradant jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jghogobha thassar is-sentenza appellata u dana billi:

1. Stante n-nullita' tas-sentenza appellata fid-dawl tal-aggravju 'A', thassar l-istess u tirrimanda l-atti lura lill-Qorti tal-

Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti u dan sabiex ma tipprivax lill-appellant mill-beneficcju tad-*doppio esame*;

2. Fl-eventwalita' li l-aggravju 'A' ma jigix akkolt, li thassar is-sentenza appellata stante l-iskadenza tal-perjodu perentorju ta' dawn il-proceduri u tghaddi sabiex tordna r-rilaxx mill-arrest tal-appellant estradant in forza tal-impediment ghall-estradizzjoni kontemplati fl-artikolu 4(2) u (7)(a)(b) tad-Decizzjoni Kwadru;
3. Fl-eventwalita' li l-aggravji 'A' u 'B' ma jigux akkolti, tordna, fid-dawl tal-aggravju 'C', it-thassir tas-sentenza appellata dana stante li jezistu ragunijiet ghall-ghazla tan-nuqqas ta' esekuzzjoni tal-MAE *de quo* u tordna lill-awtoritajiet Maltin sabiex jipprocedu huma penalment kontra l-esponent skond l-obbligi ta' Malta a tenur tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jinkorporaw it-trattat "*United Nations Convention Against Illicit Traffic in Narcotic Drugs and Psychotropic Substances*" tas-sena 1988 u tghaddi sabiex tordna r-rilaxx mill-arrest tal-appellant estradant in forza tal-impedimenti ghall-estradizzjoni kontempati fl-artikolu 4(2) u (7)(a)(b) tad-Decizjoni Kwadru.

B'mod sussidjarju fl-eventwalita' biss li dina l-Onorabbli Qorti tichad l-aggravji kollha mressqa mill-esponenti, l-esponenti jitlob li:

i. Jigi applikat a favur tieghu l-artikolu 28A tal-L.S.276.05 stante u fid-dawl tal-proceduri penali ohra fil-konfront tieghu hawn Malta pendenti attwalment quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (per Mag. Dr.I.Farrugia) fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt R.Stivala) vs Paul Attard"; u

ii. Kif ukoll li tordna li l-estradizzjoni tal-esponenti qeghda ssir bil-kondizzjoni li l-estradizzjoni tal-estradant lejn l-Italja tkun soggetta dejjem ghal-"*law of speciality*" ossija in konnessjoni mar-reat addebitat lilu fil-MAE li a bazi tieghu saru dawn il-proceduri, u msemmi fir-regolament 18 tal-L.S.276.05; u

iii. Kif ukoll li jigi applikat a favur tieghu dak li jiddisponi l-artikolu 5(3) tad-Decizzjoni Kwadru, kemm *pendente lite* matul il-proceduri penali gewwa l-Italja, kif ukoll sabiex fl-eventwalita' ta' dikjarazzjoni ta' htija tal-esponenti in segwitu ghal-proceduri penali kontrih fl-Italja, f'liema proceduri huwa jkun gie moghti piena ta' prigunerija effettiva, li, l-istess appellant jkun ritornat lil Malta sabiex huwa jservi f'Malta l-piena fuqu mposta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-Att Dwar l-Estradizzjoni msejjha Qorti Rimandanti tas-17 ta' Novembru 2021 li biha, kif gia osservat, ordnat it-treggieh lura tal-appellant lejn l-Italja fit-termini tal-Kapitolu 276 tal-ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-partijiet fis-sottomissjonijiet orali taghhom;

Rat l-atti processwali kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi stante n-natura komplessa tal-*iter processwali* li wassal sa dan l-istadju revizorju, huwa opportun li ssir rassenja ta' dan l-*iter* li kellu l-inizzju tieghu bil-prezentata tal-persuna tar-rimandant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja skond l-Att Dwar l-Estradizzjoni msejjha l-Qorti

Rimandanti u dan fis-6 ta' Settembru, 2021 a bazi ta' Mandat ta' Arrest Ewropew u Allert taht is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen;

2. Illi wara s-smiegh preliminari l-udjenza kienet differita ghas-7 ta' Settembru, 2021 f'liema seduta, diversament preseduta mill-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech l-istess Magistrat astjenijet milli tisma' l-mertu stante li kienet gia ippronunzjat ruhha fuq l-istess fatti fi proceduri precedenti. Illi ghalhekk il-kawza kienet assenjata mis-Sinjuria Tieghu l-Prim Imhallef lill-Magistrat Dr. Joe Mifsud li ghal ragunijiet moghtija f'digriet appozitu ukoll astjena milli jisma' l- kawza u ghalhekk din kienet assenjata lill-Magistrat Dr. Doreen Clarke li minnufih zammet l-ewwel udjenza fit-13 ta' Settembru, 2021;

3. Illi b'sentenza tal-4 t'Ottubru, 2021, il-Qorti Rimandanti ordnat il-helsien tal-estradant stante li r-reat li ghalih l-estradant kien mitlub jitregga lura lejn l-Italja mhux wiehed ta' estradizzjoni ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Ordni;

4. Illi minn din is-sentenza appellaw sia l-estradant b'rikors tat-8 t'Ottubru, 2021 kif ukoll l-Avukat Generali b'rikors li jgib l-istess data quddiem din il-Qorti. B'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta prolatata fit-28 t'Ottubru, 2021, l-appell tal-estradant kien dikjarat irritu u null filwaqt li l-appell tal-Avukat Generali kien parzjalment akkolt kwantu t-tieni parti tat-tieni aggravju u b'hekk kienet revokata d-decizzjoni tal-ewwel Qorti bhala Qorti Rimandanti li biha lliberat lill-estradant u peress li kien jehtieg li jissokta s-smiegh tal-estradizzjoni ghal dak li jitlob l-artikolu 13

et seq tal-Ordni, bghatet l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati sabiex tkompli bis-smiegh tal-estradizzjoni;

5. Illi l-atti tal-estradizzjoni kienu assenjati lill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr. Noel Bartolo wara li l-Magistrat Doreen Clarke astjeniet mis-smiegh ghar-raguni kontenuta fid-digriet tal-1 ta' Novembru, 2021;

6. Illi l-Qorti Rimandanti appuntat l-estradizzjoni ghat-8 ta' Novembru, 2021 ghas-smiegh u ghas- sottomissjonijiet. Gara, izda, illi f"dik l-udjenza l-estradant talab lill-Qorti Rimandanti taghmel referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) dwar jekk l-obbligu li jinzamm taht arrest minkejja li jkun avzat li jista' jintavola appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali huwhiex leziv tad-dritt kostituzzjonali u konvenzjonali tieghu. Il-Qorti Rimandanti ddisponiet minn din it-talba b'digriet moghti fl-udjenza tal-10 ta' Novembru, 2021 u f'dik l-udjenza l-estradant ressaq l-eccezzjoni li l-proceduri ma setghux jissoktaw stante li t-termini stabbiliti fl-artikolu 27A tal-L.S. 276.05 kienu skadew. Inoltre l-estradant talab ukoll informazzjoni addizjonali mill-awtoritajiet kompetenti tal-Italja u l-kaz kien differit ghal-15 ta' Novembru, 2021 ghas sentenza;

7. Illi fil-mori tad-differiment permezz ta'rikors bid-data tat-12 ta' Novembru, l-estradant talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex ikun jista' jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri wara li l-Avukat Generali naqqset milli tipprezenta nota dwar il-posizzjoni ta' Malta kwantu gurisdizzjoni miftiehma bejn il-pajjizi fil-qafas tal-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda Kontra it-Traffikar Illecitu tad-Drogi Narkotici kif mwiegeb fl-udjenza tal-10 ta'

Novembru, 2021. B'nota tal-istess data, imbaghad, l-Avukat Generali esebixxa ghadd ta' sentenzi li ghalihom jghid li saret referenza waqt il-proceduri

8. Illi fil-15 ta' Novembru, 2021, jigifieri fil-jum li fih kellha tkun prolatata s-sentenza, l-estrdant ipprezenta zewg rikorsi ohra. L-ewwel rikors qed ikun riprodott fl-intier tieghu;

> Illi l-proceduri ta' estradizzjoni odjerni jinsabu mhollija ghall-prolazzjoni tas-sentenza nhar it-Tnejn 15 ta' Novembru 2021;
>
> Illi fl-ewwel lok, l-esponent estradant jikkoncedi li fl-udjenza mizmuma quddiem dina l-Onorabbli Qorti nhar l-10 ta' Novembru 2021, huwa ma nvoka ebda wahda mill-impedimenti mahsuba fl-artikolu 13 tal-Ligi Sussidjarja 276.05 u dana biss minhabba li huwa baxxa rasu ghas-sentenza moghtijia mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decijoni minnha moghtija nhar it-28 ta' Ottubru 2021 [Appell 320 tal-2021];
>
> Illi pero' min-nota intavolata mill-Prosekuzzjoni il-folja nqalbet kwindi li jemergi bic-car li l-istess Prosekuzzjoni ma hix qeghda taghti u tfisser il-fatti mertu ta' dan il-kaz b'mod gust. Proprju minhabba tali zball, il-Prosekuzzjoni qeghda takkampa fl-izball ta' natura fattwali li qed jinducihom biex jaghmlu zbalji ta' natura legali, fosthom u mhux biss konfuzjoni shiha bejn l-applikabbilita' tat-tijoriji dwar gurisdizzjoni mal-hekk msejjha *residual jurisdiction*. Minhabba li l-Prosekuzzjoni, bin-nota taghha, hija stess taghraf u fi kliema tghid:
>
>> "fil-kaz in kwistjoni, l-ghazla tal-awtoritajiet Maltin sabiex jitolbu l-estradizzjoni tal-persuna rikjesta ma hi bl-ebda mod xi rinunzja tal-gurisdizzjoni tal-awtoritajiet Maltin fuq l-estradant. Infatti,

tali rinunzja ma tista' qatt issehh proprju bis-sahha tal-artikolu 5 tal-Kap 9 kombacut mal-artikolu 4(2)(3) tal-Konvenzjoni".

Id-dikjarazzjoni ghaldaqstant tal-prosekuzzjoni twassal lill-istess membri tal-Prosekuzzjoni li ma jiehdux passi kontra l-estradant hatja ta' reati hekk msejjha taht il-kappa *failure to act by a public official – dereliction of duty*, reati li lkoll irendu lill-ufficcjali pubblici li jonqsu minn dmirhom imputabbli u jiffaccjaw pieni ta' prigunerija. Ghaldaqstant, l-esponenti, fid-dawl u minhabba n-nota tal-Prosekuzzjoni, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li l-partijiet ikunu jistghu mill-gdid jiddibattu il-*bars to extradition* u dana previa kull ordni li din l-Onorabbli Qorti talvolta jghogobha timponi.

Fit-tieni rikors tieghu l-estradant talab is-segwenti:

A tenur tar-regolament 13A tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05, l-esponent estradant bir-rispett jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tordna li l-awtoritajiet Taljani jikkomunikaw kull informazzjoni rigwardanti l-approvazzjonijiet minnhom moghtija mill-Istat Olandiz in konnnessjoni mal-kaz in disamina u dana previa kull ordnni li din l-Onorabbli Qorti talvolta jghogobha timponi.

9. Illi fl-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2021 fejn allura kellha tkun prolatata s-sentenza tal-ewwel Qorti, wara diskussjoni bejn il-partijiet, l-estradant irtira r-rikors tal-istess jum tal-15 ta' Novembru, 2021 liema rikors ghandu Cash No. 1097 u li allura huwa l-ewwel rikors hawn riprodott fejn l-estradant talab li jkun awtorizzat jiddibatti mill-gdid il-*bars to extradition*. Fl-istess udjenza l-ewwel Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u kkoncediet lill-estradant sas-16 ta' Novembru, 2021 sabiex iressaq nota bi twegiba [ghan-nota tal-Avukat Generali – riferibilment

ghar-rikors tal-estradant tat-12 ta' Novembru, 2021 li bih talab li jkun jista jwiegeb ghan-nota tal-Avukat Generali];

10. F'dik l-istess udjenza l-ewwel Qorti ddisponiet mit-talba kontenuta fit-tieni rikors tal-15 ta' Novembru, 2021 ukoll riprodott *supra* u dan billi wara li semghet lill-partijiet cahdet it-talba "*peress illi ma jidhirx illi hemm bzonn informazzjoni ulterjuri sabiex hija tkun tista' tiddeciedi dawn il-proceduri*" u ddiferiet il-kawza ghas-sottomissjonijiet ghall-ghada 16 ta Novembru, 2021;

11. Illi fis-16 ta' Novembru, 2021, l-ewwel Qorti semghet is-sottomissjonijiet estensivi tal-partijiet u fis-17 ta' Novembru pprolatat is-sentenza mertu tal-appell odjern li biha ordnat it-treggiegh tal-estradant lejn l-Italja kif mitlub mill-Prosekuzzjoni;

**L-ewwel aggravju – nullita' tas-sentenza appellata.**

12. F'dan l-aggravju l-appellant jallega n-nullita' tas-sentenza appellata dovut ghan-nuqqas tal-ewwel Qorti li tordna fi kliem car it-treggiegh tal-estradant lejn l-Italija u minflok ordnat li "l-estradant ghandu jinzamm taht kustodja fi stennija ghat-treggigh lura tieghu lejn l-Italja, il-pajjiz skedat fejn inhareg il-mandat". L-appellant iressaq l-argument illi l-ordni tal-ewwel Qorti "*hija wahda cara u cioe' limitata ghall-fatt li l-appellant ghandu jinzamm taht kustodja fi stennija ghat-treggija tieghu lejn l-Italja*" u li t-tifsira ta' din l-ordni ma ghandhiex tkun estiza sabiex tkopri xi ordni ohra;

13. Illi l-estradant appellant jikkontendi illi l-ordni ta' treggiegh kellha ssir fit-termini tal-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 276 tal-ligijiet ta' Malta li allura huwa ekwiparabbli ghall-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali fejn nuqqas ta' adezjoni mal-artikolu appena citat jitqies bhala nuqqas sostanzjali ta' formalita' li jgib mieghu in-nullita' tas-sentenza. In sostenn ta' dan l-appellant jaghmel referenza ghas-sentenzi Il-Pulizija vs Maximilian Vogt tas-17 ta' Awwissu 2020, Il-Pulizija vs Louai Aljelda tat-3 ta' Gunju 2020 u il-Pulizija vs Biondy Clayd Raafenberg tas-26 ta' Novembru, 2019. F'dawn is-sentenzi, li ghall-precizzjoni inghataw fl-ismijiet "The Police vs" u mhux "Il-Pulizija vs", ma jakkludux xi decizzjoni dwar in-nullita' ta' sentenza fuq il-premessa tan-nuqqas ta' ordni specifika ghat-treggiegh lura. Jekk l-appellant b'dan, irid ifisser li ghaliex f'dawn is-sentenzi dejjem saret referenza ghall-artikolu tal-ligi rilevanti allura dan ma hu ta' ebda sostenn ghall-argument tieghu ghaliex ma jfissirx b'daqsekk illi ghaliex fis-sentenza appellata ma hemmx dak li solitament jkun indikat f'sentenzi ohra allura bilfors tinsorgi n-nullita';

14. Il-konvinciment tal-appellant dwar dan il-gravam hu radikat minn dak li jipprovdi l-artikolu 15 (3) tal-Att Dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-ligijet ta' Malta fejn jipprovdi li meta l-qorti rimandanati tkun sodisfatta bil-kriterji kollha ghandha **<u>tibghat taht kustodja ghall-fini tat-treggigh lura taht dan l-Att</u>** lill-persuna rikjesta. Izda jekk ma tkunx hekk sodisfatta ghandha tehles lil dik il-persuna mill-kustodja. Issa, meta l-appellant jaghmel referenza ghall-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali naturalment qed jaghmel hekk biex jallacjah mal-obbligu tal-qorti li tosserva d-dettami tal-ligi fejn dawn huma *sine*

*qua non* ghall-ghoti ta' sentenza valida. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> **382. Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.**

15. Illi l-procedura mertu ta' dan l-appell hija wahda regolata b'ligi specjali, l-Att Dwar l-Estradizzjoni Kapitolu 276 tal-ligijiet ta' Malta u r-regolamenti maghmula tahtha, inkluz il-L.S. 276.05. L-estradant tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati mill-Pulizija mhux b'talba li jkun misjub hati ta' xi allegat reat jew reati fejn allura jkun applikabbli dak ravvizat fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, li meta kombinat mal-artikolu 377 l-qorti ghandha taghmel wahda minn zewg affarijiet, jigifieri jew issib htija jew tillibera lill-imputat u f'kaz li ssib htija ghandha tadixxi ma' dak ravvizat fl-artikolu 382. (ara *per exemplum* is-sentenza Il-Pulizija vs Philip Zahra – App Krim 348/2015 tat-28.9.2017). Issa, dan kollu hu estraneju ghal-kaz hawn skrutinat fejn il-Qorti Rimandanti tkun mitluba mill-Pulizija, mhux biex issib htija u tikkundanna lill-persuna imputata izda sabiex tregga lill-persuna lejn l-awtorita tal-pajjiz rikjedenti;

16. Illi f'dan il-kaz, allura l-Qorti rimandanti ghandha taghmel wahda minn zewg affarijiet skond l-artikolu 15(3) tal-Kap 276, jigifieri jew li tordna t-treggigh tal-persuna fejn allura tkun laqghet it-talba tal-prosekuzzjoni, jew li tehlisha. Fil-kaz odjern, l-ewwel Qorti ma helsitx lill-estradant izda ordnat "***li jinzamm taht kustodja fi stennija ghat-treggigh lura tieghu lejn il-pajjiz***

***skedat***'. Issa, tenut kont li l-proceduri originaw minn talba tal-Prosekuzzjoni ghat-treggigh tal-estrandant lejn l-Italja, tenut li matul il-proceduri saru diversi referenzi u oggezzjonijiet in opposizzjoni ta' dik it-talba li ghalihom saret referenza kontinwa fil-korp tas-sentenza appellata u tenut li l-ewwel qorti ma ordnatx il-helsien tal-estradant, ma jistghax ma jinghadx illi l-ordni tal-ewwel Qorti li l-estradant jitqieghed taht kustodja "ghal-fini tat-treggigh" tfisser biss li ordnat it-treggigh tieghu lejn il-pajjiz skedat. Huwa minnu illi d-decide tal-ewwel Qorti setghet kienet postulata fi kliem aktar preciz biex jirrispekkja dak li fil-fatt kienet qed tiddeciedi, izda tenut ukoll kont tal-kawzjonijiet u informazzjoni elenkati fir-rimarrenti parti tas-sentenza, ma hemm l-ebda ekwivoku jew incertezza u konsegwentement ma tirrizultax in-nullita' allegata mill-appellant. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

**It-tieni aggravju – skadenza tas-sittin jum perentorju**.

17. F'dan l-aggravju maghmul b'mod alternattiv ghall-ewwel wiehed, l-estradant appellant jallega illi s-sentenza tal-ewwel Qorti inghatat wara s-sittin jum perentorju stabilit fl-artikolu 27A tal-L.S. 276.05 liema terminu ma jistghax ikun estiz u huwa perjodu ta' dekadenza. Jikkontendi inoltre illi t-thaddim ta' dan it-terminu mhux rifless tajjeb fil-ligi sussidjarja u ghalhekk talab li ssir referenza lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea;

18. It-terminu li ghalih jaghmel referenza l-estradant f'dan il-gravam huwa dak ravvizat fir-Regolament 27A tal-Ligi Sussidjarja 276.05 maghmula bis-sahha tal-Att Dwar l-Estradizzjoni Kapitolu 276 tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

> **27A. (1) Id-decizjoni finali dwar il-konsenja, inkluza d-decizjoni ta' appell, jekk jigi prezentat appell, ghandha tittiehed mill-Qorti fi zmien sittin (60) jum li jibdew mill-jum meta l-persuna li fir-rigward taghha jkun inhareg il-mandat taht it-Taqsima II tkun giet arrestata.**
>
> **(2) Fejn f'cirkostanzi eccezzjonali l-limiti taz-zmien stabbiliti fis-subartikolu (1) ma jkunux jistghu jigu osservati, l-awtorita' centrali ghandha tinforma lill-Eurojust, filwaqt li taghti r-ragunijiet ghad-dewmien.**

19. L-estradant tressaq b'arrest quddiem il-Qorti Istruttorja fis-**<u>6 ta' Settembru, 2021</u>**. Fid-deposizzjoni tieghu tal-istess jum, l-Ispettur Mark Galea ddikjara li l-estradant kien arrestat dakinhar stess gewwa Rahal Gdid ghall-habta tal-11:24 am (fol 80) u ghalhekk id-data li fiha tressaq il-Qorti hija ukoll id-data tal-arrest tieghu. Naturalment dawn il-proceduri ghadhom ma humiex konkluzi sal-lum id-**<u>9 ta' Dicembru, 2021</u>** li jfisser li mid-data tal-arrest tal-estradant gia ghaddew **<u>94</u>** jum u li s-60 jum kienu ntlahqu fil-5 ta' Novembru, 2021 waqt li l-atti kienu pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati in segwitu tal-ordni ta' din il-Qorti diversament preseduta sabiex l-atti jkunu rimandati lill-istess Qorti tal-Magistrati biex tisma' u tiddeciedi dwar l-*bars to extradition*. Dan dejjem jekk is-sittin jum jitqiesu bhala jiem tal-kalendarju inkluz il-Hdud u festi pubblici u jekk dan it-terminu huwiex interrott bil-helsien temporanju tal-estradant fil-mori tal-proceduri. Il-Qorti Rimandanti prolatat is-sentenza taghha fis-17 ta' Novembru, 2021 fejn allura kienu skorrew sew is-sittin jum imsemmija. Wahda mir-ragunijiet ghaliex din il-Qorti ghaddiet in rassenja dak li sehh fl-*iter* processwali sakemm l-atti

waslu ghal din il-Qorti hi proprju sabiex jkun facilitat segwiment ta' dak appena osservat u dak li ser ikun konsiderat minn issa 'l quddiem;

20. Illi fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti interpretat is-sittin jum bhala li jiddekorru li matulhom jkun mizmum taht arrest u li ghalhekk jeskludu kull jum li fih l-estradant kien mehlus mill-arrest u li f'dak il-kaz allura z-zmien waqaf fil-15 ta' Settembru meta l-estradant kien mehlus temporanjament mill-arrest pendenti l-ezitu tal-proceduri ta' estradizzjoni. Issa, fis-17 ta' Novembru 2021, l-ewwel Qorti ordnat li l-estradant jinzamm taht arrest pendenti t-treggieh tieghu lejn il-pajjiz skedat u din il-Qorti cahdet it-talba tieghu li jerga' jkun mehlus pendenti l-proceduri quddiemha *qua* Qorti tal-Appell;

21. Illi l-ewwel Qorti ma strahitx biss fuq l-interpretazzjoni li hi tat lill-artikolu 27A u abbracjat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-ismijiet Minister for Justice and Equality v. Francis Lanigan (C-237/15 PPU) u citat b'mod estensiv minn din is-sentenza. It-tieni paragrafu tal-paragrfu 36 ta' din is-sentenza jinghad hekk:

> **Therefore, in the light, first, of the central function of the obligation to execute the european arrest warrant in the system put in place by the Framework Decision and, second, of the absence of any explicit indication therein as to a limitation of the temporal validity of that obligation, the rule set out in Article 15(1) of the Framework Decision cannot be interpreted as meaning that, once the time-limits stipulated in Article 17 of the Framework Deciision have expired, the executing judicial authority is not longer able to adopt the decision on the execution of the European arrest warrant or that the executing**

**Member State is no longer required to carry out the execution procedure in that regard.**

22. Il-paragrafu 41 ta' din is-sentenza, imbaghad jigbor fih il-hsibijiet kollha tal-Qorti tal-Gustizzja meta jirritjeni:

> **41. Thus , by preventing the effect of european arrest warrants from being weakened and delays in the execution of those warrants from leading to more complex procedures, the interpretation of Articles 15 and 17 of the Framework Decision to the effect that the decision on the expiration of the European arrest warrant may still be adopted once the time-limits stipulated in Article 17 have expired only facilitates the surrender of requested persons, in accordance with the principle of mutual recognition set out in Article 1(2) of the Framework Decision, which constitutes the essential rule introduced by that decision.**

23. L-appellant jikkontendi li dan il-perjodu huwa wiehed perentorju u konsegwentement ma jistghax ikun mtawwal, interrott jew imgedded u dwar dan isib konfort fl-intestatura tal-artikolu tad-Decizjoni Kwadru fit-test Malti "Zmien Perentorju" u li konsegwentement dan huwa perjodu ta' dekadenza. L-appellant jikritika d-decizjoni tal-ewwel Qorti li bl-allegazzjoni li din injorat ir-referenza li ghamel ghas-sentenza tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea Case C-168/13 PPU Jeremy F li fiha ccita l-paragrafu 74 li jghid hekk:

> **Consequently, to ensure the consistent applicaton and interpretation of the Framework Decision, any appeal with suspensive effect provided for by the national legislation of a Member State against the decisions referred to in Articles 27(4) and 28(3)(c) of the Framework**

**Decision must, in an event, comply with the time-limits laid down in Article 17 of the Framework Decision for making a final decision.**

24. Din id-decizzjoni, izda ma ghandha l-ebda rabta mal-kwistjoni hawn devoluta u kienet korretta ghalhekk l-ewwel Qorti li ma tibbazax is-sentenza taghha fuq din id-decizzjoni. Ma jfissirx dan, kif qed jallega l-appellant, illi l-ewwel Qorti injorat r-referenza minnu maghmula ghal din id-decizzjoni ghaliex kienet hi stess li ddikjarat li semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet u l-fatt illi mhix imsemmija fis-sentenza taghha ma jfissirx li ma haditx konjizzjoni taghha kif jidher li fil-fatt ghamlet meta ghazlet li tibni d-decide taghha fuq il-kaz l-iehor. Id-decizzjoni msemmija mill-appellant kienet tirrigwarda l-artikolu 27 u 28 tad-Decizjoni Kwadru rilevanti ghal kaz fejn wara li l-awtoritajiet gudizzjarji ta' Franza kienu qablu dwar l-estradizzjoni ta' persuna rikjesta mir-Renju Unit a bazi ta' mandat ta' arrest Ewropew l-istess Stat, u b'rikjesta separata qabel ma l-estradant intbaghat lura, talab zieda fl-istrument ta' estradizzjoni sabiex ikun ikopri reat iehor. L-awtoritajiet gudizzjarji fi Franza qablu ghal dik iz-zieda u dan dahhal fis-sehh mekkanizmu ta' appell fi Franza b'mod izda li kellu jkun sospiz it-terminu li fih l-estradant kellu jitregga lura u ghalhekk r-referenza li saret lill-Qorti tal-Gustizzja kienet jekk jistghax isir appell b'kondizzjoni ta' sospensjoni tat-termini (appeal suspending execution of the decision of the judicial authority). Fi kliem iehor, setghetx l-awtorita' gudizzjarja fi Franza tissospendi l-esekuzzjoni tal-ordni ta' treggih sakemm ikun deciz l-appell dwar il-mandat ta' arrest Ewropew gdid fil-konfront tal-istess persuna qabel titregga lura;

25. Dak li hu ta' rilevanza f'din is-sentenza huwa fil-fatt il-paragrafu 64 fejn il-Qorti tal-Gustizzja rriteniet:

> **64. It follows that the time-limits prescribed in Article 17 of the Framework Decision must be interpreted as requiring the final decision on the execution of the European arrest warrant to be taken, in principle, either within 10 days from consent being given to the surrender of the requested person, or, in other cases, within 60 days from his arrest. Only in specific cases may those periods be extended by an additional 30 days, and in exceptional circumstances may the time limits prescribed in Article 17 not be complied with by a Member State.**

F'din is-sentenza saret referenza kemm il-darba ghaz-zmien minn meta jibda jghodd dan il-perjodu, jigifieri miz-zmien tal-arrest u jazzarda jkun osservat ma' dan dak wisq drabi ripetut fis-sentenzi tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unioni Ewropea, tal-Qrati taghna u fl-akkademja in rigward illi dan id-Decizjoni Kwadru huwa mfassal fuq htiega komuni bejn l-istati membri sabiex jiffacilita fl-iqsar zmien u minghajr xkiel it-treggigh ta' persuni rikjesti ghal ghan ta' prosekuzzjoni jew ta' ezekuzzjoni ta' sentenzi moghtija mill-istati membri rikjedenti. Issa, kif gia osservat fir-rassenja *supra*, l-estradant ghamel diversi talbiet fil-mori tal-proceduri kif kien wara kollox fid-dritt tieghu li jaghmel sabiex jissalvagwarda d-drittijiet tieghu. Sahansitra ghamel talbiet proprju fil-jum li fih kellha tinghata s-sentenza u wara dibattitu dwar l-istess irtira l-istess talbiet. Dan ma ghandu bl-ebda mod jirrifletti b'mod negattiv fuq l-estradant u, anzi, jsahhah il-fehma illi l-Qorti ghamlet l-ghalmu kollu taghha sabiex tikkunsidra dawk it-talbiet fiz-zmien koncess lilha mill-L.S. 276.05;

26. F'dan ir-rigward izda, donnu qed jintesa l-fatt illi s-sittin jum msemmija fir-Regolament 27A ma humhiex fatali, fis-sens illi f'kaz li dan il-perjodu jiskadi allura l-Qorti jkollha tehles lill-estradant. Tant hu hekk illi s-subregolament (2) tieghu jipprovdi illi "***Fejn f'cirkostanzi eccezzjonali l-limiti ta' zmien stabbiliti fis-subartikolu (1) ma jkunux jistghu jigu osservati, l-awtoritta' centrali ghandha tinforma lill-Eurojust, filwaqt li taghti r-ragunijiet ghad-dewmien***" liema provvediment jirrispekkja l-Artikolu 17(3) tad-Decizzjoni Kwadru. Ghalhekk jista' jinghad ukoll illi kienu jezistu cirkostanzi fejn huwa fl-interess tal-istess estradant li l-proceduri itulu aktar minn dak prevvist mill-ligi bhal per ezempju f'dan il-kaz fejn l-estradant ghamel diversi talbiet inkluzi ghall-informazzjoni ulterjuri mill-Istat rikjedenti;

27. Illi ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud u inoltre, stante li ma tara ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha taghmel referenza lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar dan l-episodju u dan stante li ma jezistux l-kundizzjonijiet mahsuba mill-artikolu 234 tat-Trattat tal-Komunita' Ewropea sabiex issir dik ir-referenza preliminari.

**It-tielet aggravju – L-impedimenti ghall-Estradizzjoni mahsuba fid-Decizjoni Kwadru.**

28. F'dan l-aggravju l-appellant jippremetti b'mod introduttorju hekk:

*L-appellant estradant jikkoncedi li quddiem l-Ewwel Onorabbli [Qorti], fl-udjenza mizmuma nhar l-10 ta' Novembru 2021, huwa ma nvoka ebda wahda mill-impedimenti mahsuba fl-artikolu 13 tal-Ligi Sussidjarja 276.05 u dana biss minhabba li huwa, f'dak il-waqt, baxxa rasu ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2021 [Appell Nru 320.2021].*

Din il-premessa saret fi hdan il-gravam li fih l-appellant jillanja mhux is-sentenza tal-ewwel Qorti per se izda n-nuqqas tieghu li jissolleva *bars to extradition* bazati fuq il-kwistjoni ta' territorjeta' dovuta ghan-nuqqas tal-inkluzzjoni ta' dan l-impediment (*bar*) fil-L.S. 276.05 kagun tan-nuqqas minn naha tal-legislatur li jimplimenta id-Decizjoni Kwadru fis-shih;

29. Dan il-gravam iqajjem diversi punti ta' dritt izda jehtieg qabel xejn li jkun ezaminat b'mod akkurat ghaliex il-Qorti ghandha, f'dan l-istadju, dubju dwar jekk l-ilment tieghu jistax jitqies bhala gravam u jekk jistax ikun esperit f'din l-istanza. Jibda biex jinghad illi l-estradant isostni illi r-reat allegatament kommess minnu sehh fit-territorju Malti u ghalhekk huma l-awtoritajiet Maltin li ghandhom gurisdizzjoni fuq il-mertu liema gurisdizzjoni hija estiza bil-fatt li hu cittadin Malti. Din il-kwistjoni, izda, kienet deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali fl-istess ismijiet numru 320/2021 li biha ma laqghetx it-talba tal-estradant ghat-thassir tas-sentenza tal-Qorti Rimandanti izda bghatet l-atti lura lill-istess Qorti sabiex tiddeciedi dwar jekk kienx hemm *bars to extradition* stante li kienet naqset milli taghmel hekk fid-decide taghha;

30. L-estradant, izda, ma jaqbilx mad-decizzjoni ta' din il-Qorti u jtenni li "*B'hekk l-esponent jikkontendi li r-ragunar legali adoperat mil-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fl-appell numru 320/2021 hekk kif enuncjat fil-paragrafu 53 et seq, hija bl-akbar umli rispett zbaljata.*" "*Dana stante li hija kkampata b'mod zbaljat mal-fatt li l-agir attribwit lill-appellant estradant huwa wiehed ta' gurisdizzjoni extra-territorjali ghal Malta. Dan ma huwiex il-kaz jekk il-parti dispositiva tal-MAE sejra titwemmen.* ***Dan ghaliex l-MAE jishaq li l-agir tal-appellant estradant sehh f'Malta***";

31. Illi jkun opportun li din il-Qorti tirrikapitola, anke jekk brevement, dak li sehh f'dawn il-proceduri fejn il-Qorti Rimandanti kienet inizzjalment helset lill-estradant wara li ddikjarat li r-reat li ghalih intalab it-treggigh mill-pajjiz skedat ma jistax jitqies bhala wiehed ta' estradizzjoni. Dik id-decizjoni kienet appellata mill-Avukat Generali b'talba ta' nullita' tas-sentenza u ohra ghat- thassir taghha u sabiex minflok tiddikjara r-reat skedat bhala wiehed estradibbli u li ma jezistu l-ebda impedimenti ghal estradizzjoni. Trattat il-kaz quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, diversament preseduta, l-Qorti cahdet l-ewwel talba tal-Avukat Generali sabiex is-sentenza tkun dikjarata nulla. Il-Qorti cahdet ukoll l-ewwel parti tat-tieni aggravju tal-Avukat Generali billi rriteniet:

> "51. B'hekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzzjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti fis-sens li l-allegata imgieba tal-estradant deskritta fl-atti tal-MAE ma kienetx tikkostitwixxi reat t'estradizzjoni fis-sens tar-regolament 59(4A) tal-Ordni";

32. Din il-Qorti, izda, laqghet l-appell tal-Avukat Generali fit-tieni parti tat-tieni aggravju tieghu li bih impunja d-decizjoni tal-ewwel Qorti meta kkonkludiet illi l-allegata mgieba tal-estradant lanqas ma kienet tikkostitwixxi reat t'estradizzjoni fis-sens tar-regolament 59(4) tal-Ordni u kkonkludiet bil-mod segwenti:

> "Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tilqa' t-tieni parti tat-tieni aggravju tal-appell tal-Avukat Generali u filwaqt illi tirrevoka d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti, tiddikjara li r-reat imsemmi fil-Mandat 'Arrest Ewropew jikkostitwixxi reat t'estradizzjoni fis-sens aktar il-fuq imsemmi; u fid-dawl ta' dan, stante li kif intqal fl-ewwel parti ta' din is-sentenza il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti rimandanti illiberat lill-estradant fis-sensi tal-artikolu 12(3) tal-Ordni, u gjaladarba jehtieg li s-smiegh tal-estradizzjoni jissokta fis-sensi tal-artikoli 13 et seq tal-Ordni, tibghat l-atti ta' dan il-process lura lil Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti sabiex tkompli bis-smiegh tal-estradizzjoni b'dan li l-estradant ghandu jitqieghed fil-posizzjoni li kien fiha wara d-digriet tal-ghoti tal-helsien mill-arrest tal-15 ta' Settembru 2021".

33. Illi dan ifisser illi l-kwistjoni dwar jekk l-allegat agir tal-estradant jikkostitwix reat t'estradizzjoni jew le kien deciz b'mod finali minn din il-Qorti u ghalhekk dak il-mertu issa ghadda in gudikat u ma jistax l-estradant, issa, jimpunja dik id-decizzjoni quddiem l-istess Qorti minkejja li diversament presjeduta. Din hija kwistjoni ta' ordni pubbliku ghaliex fis-sistema guridika taghna ma hemmx stadju tat-tieni appell. Il-kwistjoni dwar reat

t'estradizzjoni ghalhekk hija deciza finalment u apparti hekk, l-estradant ma jistax jadixxi lil din il-Qorti bi gravami li ma ressaqx quddiem l-ewwel Qorti (f'dan il-kaz il-Qorti diversament preseduta wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali rrimandat l-atti sabiex ikun deciz dak ravvizat fir-regolament 13), anke jekk jghid li ma ghamilx hekk ghaliex "baxxa rasu ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

34. Dak li allura kellha tiddeciedi l-ewwel Qorti, wara li l-atti kienu rimandati lilha mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kien jekk kienux jezistu l-impedimenti ghall-estradizzjoni (*bars to extradition*) kif ravvizati fir-regolament 13 tal-Ordni. Dwar dan l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Novembru 2021 u dan qed ikun riprodott ghal segwiment aktar facli:

*Il-Qorti tidderigi lid-difensuri tal-partijiet sabiex jitrattaw dwar l-Artikolu 13 tal-Ordni kif dirett fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 ta' Ottubru 2021.*

*Dr. Arthur Azzopardi jiddikjara li l-Estradant m'ghandux provi xi jressaq fir-rigward tal-Bars of Extradition imsemmija fl-artikolu 13 tal-LS276.05.*

*Dr. Camilleri jiddikjara li lanqas il-prosekuzzjoni m'ghandha provi f'dan ir-rigward.*

*Dr. Azzopardi jiddikjara li hemm impediment ghall-estradizzjoni f'dan il-kaz li jemergi mill-artikolu 28 ta' LS 276.05.*

*Dr. George Camilleri ghall-Avukat Generali u il-prosekuzzjoni jiddikjaraw illi l-Estradant m'huwiex akkuzat b'reat f'Malta bazat fuq l-istess att li fuqu huwa bbazat il-mandat de quo u kwindi jsostni li l-artikolu citat ma japplikax.*

*Il-Qorti b'referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 ta' Ottubru 2021 terga' tidderigi lill-partijiet sabiex jittrattaw dwar dak li gie dirett li jsir minn din il-Qorti fl-istess decizjoni.*

*Id-difensuri tal-partijiet jiddikjaraw illi ma jezistux impedimenti kif stipulati fl-artiklu 13 u kwindi m'ghandhom la provi u anqas trattazzjonijiet iktar x'jaghmlu.*

35. Minkejja din id-dikjarrazzjoni tal-estradant, jigifieri, li ma kien hemm ebda impediment ghall-estradizzjoni, l-ewwel Qorti xorta wahda investiet fid-diskussjoni dwar il-pregudizzjali sollevata mill-estradant "*illi l-fatti kif naxxenti mill-Mandat ta' Arrest Ewropew odjern, skond il-ligi lokali, ossia l-artikolu 22(1)(d) tal-Kap 101 iridu necessarjament iwasslu lill-awtoritajiet Maltin sabiex skond l-obbligi taghhom naxxenti mill-Artikolu 346 u 356 tal-Kodici Kriminali ghandhom jittiehdu proceduri hawn Malta kontra l-estradant u dan fid-dawl tal-Artikolu 5 tal-Kodici Kriminali.*

36. Il-Qorti Rimandanti investiet f'din il-kwistjoni minkejja li l-estradant kien irrinunzja ghaliha u kien ghalhekk li aktar 'l fuq din il-Qorti rrimarkat li l-appellant ma setax iressaq aggravji li ma ssollevax quddiem l-ewwel Qorti. Tfakkar illi fir-rikors tal-15 ta' Novembru, 2021 (fol 532) l-estradant kien talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex ikun jista' jiddibatti il-*bars to extradition* bazat fuq in-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tinizzja procedura f'Malta kontra l-estradant. Dak ir-rikors, izda kien irtirat mill-estradant waqt l-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2021. Ifisser dan illi d-dibattitu dwar l-impedimenti ravvizati fir-regolamenti 28 u 28A kienu dwar fatti inezistenti fis-sens illi ma

kienx hemm u ghad ma hemm l-ebda proceduri kontra l-estradant f'Malta b'mod allura li tissokta diskussjoni fl-ambitu ta' dawk ir-regolamenti;

37. Ir-regolament 28 u 28A tal-Ordni jipprovdu hekk:

28.(1) Dan l-artikolu japplika jekk f'xi waqt matul is-smigħ dwar l-estradizzjoni l-qorti tiġi mgħarrfa li l-persuna li dwarha jkun inħareġ il-mandat taħt it-Taqsima II tkun ġiet akkużata b'reat f'Malta bażat fuq l-istess att li fuqu jkun ibbażat il-mandat taħt it-Taqsima II.

(2) Il-qorti tista' taġġorna s-smigħ dwar l-estradizzjoni sakemm tiġri xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-akkuża tkun ġiet eżawrita;

(b) l-akkuża tiġi rtirata;

(ċ) il-proċedimenti dwar l-akkuża ma jitkomplewx;

(d) il-proċedimenti jitħallew sine die.

(3) Jekk qabel ma l-qorti tkun aġġornat is-smigħ dwar l-estradizzjoni taħt is-subartikolu (2) il-qorti tkun iddeċidiet taħt l-artikolu 13 dwar jekk ir-ritorn ta' dik il-persuna jkunx impedut minħabba fir-regola kontra ne bis in idem, il-qorti għandha tiddeċiedi dik il-kwistjoni għal darb'oħra wara li jitkompla s-smigħ.

28A.(1) Dan l-artikolu japplika jekk f'xi waqt matul is-smigħ dwar l-estradizzjoni l-qorti tiġi mgħarrfa li l-persuna li dwarha jkun inħareġ il-mandat taħt it-Taqsima II tkun ġiet akkużata b'reatf'Malta bażat fuq l-att li ma jkunx dak l-att li fuqu jkun ibbażat il-mandat taħt it-Taqsima II liema kondizzjonijiet għandhom jorbtu lill-awtoritajiet kollha tal-pajjiż skedat li joħroġ il-mandat.

(2) Jekk qorti tibgħat lill-persuna biex titqiegħed taħt att ta'akkuża biex tistenna li titreġġa' lura u jkun għadu qed jitmexxa kontra dik il-persuna għall-akkużi msemmija fis-subartikolu (1), hija tista':

(a) tipposponi l-konsenja tal-persuna sakemm tiġri xi ħaġa minn dawn li ġejjin:

(i) isir mill-akkuża;

(ii) l-akkuża tiġi rtirata;

(iii) il-proċedimenti dwar l-akkuża ma jitkomplewx;

(iv) il-proċedimenti jiġu differiti sine die:Iżda f'kull żmien wara d-deċiżjoni ta' posponiment, il-qorti tista' tagħti garanzija lill-persuna li l-konsenjatagħha tkun ġiet temporanjament posposta, b'dan illi,meta tiġri xi waħda mill-ġrajjiet imsemmija fis-subparagrafi (i) sa (iv), il-qorti għandha tordna minnufih l-arrest mill-ġdid u l-konsenja ta' dik il-persuna; jew

(b) tikkonsenja temporanjament lill-persuna taħtkondizzjonijiet miftiehma bil-miktub mal-awtorità litkun ħarġet il-mandat taħt it-Taqsima I.

38. Illi dak kollu appena elenkat fir-regolamenti riprodotti ma japplikax ghal-kwistjoni odjerna la darba ma hemmx il-proceduri pendenti kontra l-estradant tant li huwa stess qieghed jallega kontra l-prosekuzzjoni abdikazzjoni tad-doveri taghhom fin-nuqqas li johorgu akkuzi kontra tieghu u ghalhekk ma jistax jinghad li hemm l-estremi guridici, ossia, dan l-impediment ghall-estradizzjoni tal-estradant;

39. Fl-aggravju minnu intentat, izda, l-estradant jillanja illi "*minn qari tal-artikolu 13(1A) tal-legislazzjoni Sussidjarja 276.05 tal-Ligijiet ta' Malta wiehed sejjer jintebah li tali artikolu fil-fatt ma jinkludix il bars to extradition kollha hekk kif mahsuba fl-artikolu 4 tal-Decizjoni Kwadru*". Naturalment l-estradant qed jirreferi ghar-Regolament 13(1)(a) tal-Ordni : "Grounds for optional non-execution of the European arrest warrant". Dan l-artikolu tad-Decizjoni Kwadru jibda bis-segwenti: "*The executing judicial authority may refuse to execute the European arrest warrant:*" u f'wahda minn dawn il-fakoltajiet insibu dik rikjamata mill-appellant fejn l-awtoritajiet gudizzjarji jkunu ddeciedew li ma jibdewx proceduri kontra l-estradant dwar l-istess reat li ghalih ikun mitlub it-treggigh. L-artikolu 4 tad-Decizjoni Kwadru huwa wiehed fakoltattiv ghal kuntrarju tal-Artikolu 3 li huwa tassattiv u inkombenti fuq l-awtoritajiet gudizjarji. Illi l-estradant ressaq l-argument quddieml-Ewwel Qorti illi bin-nota tal-Avukat Generali tat-12 ta' Novembru, 2021 li biha spjega l-posizzjoni ta' Malta u r- raguni ghaliex ma tressaqx fi proceduri kriminali lokalment, il- kwistjoni ta' territorjalita' ma ghadhiex wahda ta' gurisdizzjoni residwa izda wahda ta' gurisdizzjoni primarja. Dik il- kwistjoni izda ghaddiet in gudikat bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Ottubru, 2021 u l-estradant issa qed jittenta jimpunja

dik is-sentenza billi jinvoka impediment ghall-estradizzjoni li ma huwiex parti mill-L.S. 276.05 u li tali mankanza hija dovuta ghan-nuqqas tal-legislatur li jimplimenta b'mod shih id-Decizjoni Kwadru. Fi kliem iehor l-estradant qed jittenta jintroduci raguni biex jimpunja s-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta. U dan in omagg tal-principju ormai stabbilit illi din il-Qorti fil-vesti revizorja taghha trid tara jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha naturalment bil-lanjanzi kif lilha esposti;

40. B'zieda ma' dan, il-Qorti ma tistax tifhem kif l-ewwel Qorti inoltrat f'kunsiderazzjonijiet dwar din il-kwistjoni wara li, skond il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2021 astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors tal-istess data wara li l-estradant irtira dak l-istess rikors. Fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti, wara li inoltrat dwar din il-kwistjoni ddikjarat dan il-fatt. Frankament il-Qorti fittxet fl-atti processwali minn hemm 'l quddiem u ma jirrizultalhiex dak li qalet l-ewwel Qorti, jigifieri li l-estradant zamm ferm id-drittijiet kollha tieghu kif naxxenti mill-mandat ta' arrest Ewropew.

41. Jipprexxindi minn dan illi t-talba maghmula mill-estradant fit-tielet gravam sabiex din il-Qorti tordna li ssir referenza preliminari lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea ma tirraprezentax il-kundizzjonijiet taht l-artikolu 5(1) tal-Kap 460 tal-ligijiet ta' Malta u ghalhekk qed tichad l-istess.

42. Illi ghalhekk tiddisponi minn dan l-appell billi tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba. Tichad ukoll it-talba sussidjarja (i) u tilqa' it-talba sussidjarja (ii). Kwantu ghat-tielet talba

sussidjara (iii) sabiex fl-eventwalita' ta' sejbien ta' htija gewwa l-Itlaja l-estradant jintbaghat lura Malta biex jiskonta dik is-sentenza, tichad l-istess u konsegwentement:

Tordna it-treggigh tal-estradant lejn l-Italja kif mitlub mill-awtoritajiet gudizzjarji fl-Italja skond il-mandat ta' arrest Ewropew esebit f'dawn il-proceduri u li l-estradant ghandu jinzamm taht kustodja fi stennija ghat-treggigh lura tieghu lejn l-Italja, il-pajjiz skedat fejn inhareg il-mandat;

Din l-ordni ta' treggih hi soggetta ghall-ligi tal-ispecjalita' b'dan illi l-estrandant ma jistghax ikun processat fil-pajjiz skedat ghajr ghal dak ir-reat jew reati deskritti fil-mandat ta' arrest Ewropew.

Il-Qorti, ai termini tar-regolament 25 tal-Ordni moqri flimkien mal-Artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta, infurmat lill-Estradant li:

a) Mhuwiex ser jitregga' lura lejn l-Italja qabel ma jghaddu sebat ijiem mid-data ta' din l-ordni ta' kustodja;

b) Jekk jidhirlu li xi wiehed mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta, kien miksur jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja hija, tkun giet jew x'aktarx tkun sejra tigi miksura dwar il-persuna tieghu hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-Kustodja tal-Qorti, huwa ghandu jedd jitlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-Artiklu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skont il-kaz.